# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2018**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 624/2017/LSO**

**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao ghan-nom u in rapprezentanza ta' Joseph Xuereb sive Shwereb, kif debitament awtorizzat in forza ta' prokura hawn immarkata Dok 'A'**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Kevin Mompalao (Karta' tal-identita' numru 13774G) ta' 14, Triq Sir L. Camilleri, Victoria, Ghawdex, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Joseph Xuereb, kif debitament awtorizzat in forza ta' prokura annessa u mmarkata Dok 'A' datat 11 ta' Lulju 2017 fejn espona: -

Illi l-attur Joseph Xuereb twieled fis-sitta (6) ta' Settembru tal-elf disa' mija, hamsa u sebghin (1975), liema twelid huwa registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, il-Belt, Valletta, Malta, fl-Atti tat-Twelid u r-Registru ta' Persuni Adottati, bin-numru tlett elef, mitejn, disgha u tletin tas-sena elfejn u hmistax (3239/2015), anness u mmarkat Dok 'B'.

Illi l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta' l-attur huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem il-Wild", il-kunjom ta' l-attur huwa indikat bhala "SHWEREB", meta fil-fatt dan ghandu jkun indikat bhala "XUEREB".

Illi l-attur irid illi l-kunjom tieghu jigi kkorregut b'tali mod illi fejn jinkorri l-kunjom "Shwereb" dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Xuereb".

Illi in oltre, il-kunjom ta' missieru huwa wkoll skorrett billi dan fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier", il-kunjom jidher bhala "SHWEREB", meta dan effettivament huwa "XUEREB".

Illi l-antenati ta' l-attur huma kollha ta' kunjom "Xuereb", dan kif jista’ jigi kkonfermat minn certifikat tat-twelid ta' Giovanni Xuereb u Joseph Xuereb, annessi u mmarkati bhala Dok 'C' u Dok 'D' rispettivament.

Illi dan ukoll jista' jigi kkonfermat minn certifikat taz-zwieg tal-antenat tieghu, l-istess Giovanni Xuereb, li huwa aktar ‘il fuq imsemmi, anness u mmarkat bhala Dok 'E'.

Illi wara petizzjoni migjuba mill-attur quddiem il-Qorti Superjuri tal-Istat ta' New York, fi hdan l-Istati Uniti tal-Amerika, din l-istess Qorti, b'ordni tal-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), laqghet it-talba tal-attur biex jinbidel kunjomu minn "Shwereb" ghal "Xuereb", liema ordni qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'F'.

Illi l-akkoljiment ta' din it-talba tista' tigi kkonfermata mill-passaport tal-attur, fejn kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'G'.

Illi l-attur irid illi jsiru d-debiti korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tieghu, b'mod illi c-certifikat tat-twelid tieghu jigi jaqbel mar-realta' u mal-verita', u dan *stante* illi l-attur qed ikollu diversi problemi kull meta jigi biex jipprovdi c-certifikat tat-twelid tieghu.

Illi din id-dikjarazzjoni qed isir u qed tigi kkonfermata bil-gurament tal-Avukat Dottor Kevin Mompalao li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti fuq esposti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru tlett elef, mitejn, disgha u tletin tas-sena elfejn u hmistax (3239/2015), relattiv ghat-twelid ta' Joseph Xuereb, huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjonijiet tal-att fuq imsemmi billi kull fejn l-attur jinkorri il-kunjom "Shwereb" dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Xuereb"; kif ukoll illi kull fejn kunjom missieru jidher bhala "Shwereb", dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Xuereb".

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 ta’ Awwissu 2017 (fol 21) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u

dan abbazi tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponenti tissottometti illi l-attur ma ddikjarax taht liema artikolu tal-ligi qed isejjes din il-kawza istanti. Ghaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi jkun ta' beneficcju jekk l-attur jiddikjara taht liema dispozizzjoni tal-ligi qed jibbaza l-proceduri istanti, salv pero' illi l-esponenti tirriserva d-dritt taghha illi jekk ikun il-kaz tkun f' pozizzjoni li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponenti tissottometti illi *stante* t-talba kif dedotta tippernja fuq korrezzjoni ta' kunjom, tajjeb li jkun sottolinejat illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f' ismijiet u mhux f' kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

5. Illi rigward il-kaz in kwistjoni, jidher illi r-registrazzjoni tal-att tat-twelid tal-attur li jgib bin-numru progressiv 3239 tas-sena 2015, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', saret skont **l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

6. Illi l-esponenti tissottometti illi l-Ufficjali tad-Dipartiment irregistraw l-informazzjoni skont l-att esteru li gie pprovdut lilhom *ai fini* ta' registrazzjoni, liema dokument jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2';

7. Illi maghdud mal-premess, l-esponenti tosserva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta' Twelid ta' Joseph Xuereb *sive* Shwereb, mahrug mill-konvenut, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti;

8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tosserva illi mill-Atti tat-Twelid ta' missier l-attur u kif ukoll nannuh, annessi u mmarkati 'Dok. DRP 3' u 'Dok. DRP 4' rispettivament, il-kunjom addottat minnhom huwa dak 'Xuereb' u mhux 'Shwereb;

9. Illi maghdud mal-premess, irid ukoll jinghad illi jidher li Qorti Superjuri gewwa New York fl-Istati Uniti, laqghet it-talba tal-attur sabiex ibiddel kunjomu minn 'Shwereb' ghal 'Xwereb'. Ghaldaqstant l-attur ghandu f’ idejh dokument mahrug minn Awtorita' Kompetenti li juri li kunjomu gie mibdul;

10. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrent minn 'Shwereb' ghal 'Xuereb';

11. Illi ghaldaqstant ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-

Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi u li hija ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghal din l-inkorrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent;

12. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 16 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Andrew Sciortino ghall-attur li prezenta nota b'dokumenti, u ddikjara li ma kienx fadallu provi. Dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Ellul ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri u qablet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li

taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-13 ta' Lulju 2017 (fol 14a) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob li kunjomu kif registrat fuq l-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 3239/2015 jigi korrett billi jigi mnizzel bhala "Xuereb" u mhux "Shwereb." Qed jigi mitlub ukoll li fl-istess att tat-twelid fejn hemm referenza ghal kunjom missieru, li jidher bhala "Shwereb" dan ghandu wkoll jigi sostitwit bil-kunjom "Xuereb".

Illi in sostenn tat-talbiet tieghu r-rikorrent esebixxa, Dok C u Dok D mar-rikors promotur, atti tat-twelid tal-antennati tieghu, minn fejn jidher li kunjomhom kien "Xuereb." L-istess jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg tal-antennat tieghu Giovanni Xuereb, esebit bhala Dok E. Esebixxa kopja tal-passaport tieghu li juri li kunjom ir-rikorrent huwa "Xuereb." *Di piu`*, giet esebita wkoll kopja ta' sentenza mill-Qorti Superjuri fl-Istat ta' New York, fl-Istati Uniti tal-Amerika, datata 15 ta' Frar 2006, Dok F, fejn giet milqugha t-talba tar-rikorrent sabiex kunjomu jinbidel minn "Shwereb" ghal "Xuereb."

Ikkonsidrat illi ir-registrazzjoni saret *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

"**244**.(1) *Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' Mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Hekk fil-fatt, sar fil-kaz in ezami, billi d-Direttur tar-Registru Pubblika rriproduca dak indikat fl-att esteru.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi mar-rikors promotur, gie esebit kopja awtentika tal-passaport Amerikan tar-rikorrent, u kopja tas-sentenza tal-Qorti Superjuri tal-Qorti fl-Istati Uniti, kif ukoll kopja awtentika a fol 31 *et sequens*, li ordnat il-korrezzjoni fil-kunjom minn "Shwereb" ghal "Xuereb."

Illi jirrizulta mill-atti tat-twelid ta' missier ir-rikorrent u ta' nannuh patern esebiti mill-intimat bhala Dokti DRP3 u DRP4 li kunjomhom huwa effettivament "Xuereb." Ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li sar zball meta saret ir-registrazzjoni tat-twelid tar-rikorrent fl-atti esteri.

Ikkonsidrat ukoll li l-intimat ma sabx oggezzjoni ghat-talba ta' korrezzjoni u irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Izda, rigward il-kap tal-ispejjez, taqbel li l-intimat m’ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta’ din il-kawza billi ma sar l-ebda zball da parti tieghu.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tar-rikorrent hija gustifikata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent, u cioe`:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru tlett elef, mitejn, disgha u tletin tas-sena elfejn u hmistax (3239/2015), relattiv ghat-twelid ta' Joseph Xuereb, huwa skorett fis-sens li kunjom ir-rikorrent u kunjom missieru ghandhom jigu registrati bhala "Xuereb" u mhux "Shwereb."

2. Konsegwentament tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjonijiet tal-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, mitejn, disgha u tletin tas-sena elfejn u hmistax (3239/2015), anness u mmarkat Dok 'B' fuq imsemmi billi kull fejn l-attur jinkorri il-kunjom "Shwereb" dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Xuereb"; kif ukoll illi kull fejn kunjom missieru jidher bhala "Shwereb", dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Xuereb".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Frar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar 2018**